MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-8 ta' Frar, 2023

Appell Inferjuri Numru 30/2020LM

**Karyn Darmanin Kissaun (K.I. nru. 0291374(M))**
*('l-appellata')*

***vs*.**

**Alexander Marshall (K.I. nru. 0454367(M))**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Il-konvenut **Alexander Marshall (K.I. nru. 0454367(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] kien appella mis-sentenza mogħtija fit-13 ta' Ottubru, 2020, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], mit-Tribunal Għal Talbiet Zgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda billi laqa'

it-talba tal-attriċi **Karyn Darmanin Kissaun (K.I. nru. 0291374(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], u ordna lill-appellant iħallas lill-appellata s-somma ta' erbat elef sebgħa mija ħamsa u għoxrin Euro u erba' ċenteżmi (€4,725.04), bl-imgħaxijiet minn dakinhar tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż tal-proċedura.

**Fatti**

2. Il-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom bejn is-snin 2005 u 2014, minn liema relazzjoni twieldu tifla Roxanna u tifel Sean, li llum għadhom minuri. Meta l-imsemmija relazzjoni ntemmet fis-sena 2014, il-partijiet iffirmaw kuntratt bejniethom fit-12 ta' Ġunju, 2015 quddiem in-Nutar Francesca Schwalbe sabiex jirregolaw il-kwistjonijiet ta' kura, kustodja, aċċess u manteniment tat-tfal minuri. Ġie miftiehem li l-kura u l-kustodja tal-minuri kellu jibqa' konġunt bejn il-partijiet ġenituri, filwaqt li l-istess minuri kellhom jiġu fdati u kellhom jirrisjedu ma' ommhom l-appellata. Ftehmu wkoll kif kellhom jitħallsu l-ispejjeż tal-edukazzjoni tal-minuri, u anki dawk mediċi ta' natura straordinarja u tal-attivitajiet *extra*-kurrikulari tat-tfal. Madankollu, maż-żmien qam xi diżgwid bejn il-partijiet dwar l-pretensjonijiet għall-ħlas vantanti mill-appellata.

**Mertu**

3. L-appellata għalhekk ippreżentat talba quddiem it-Tribunal fil-konfront tal-appellant, fejn talbet lill-imsemmi Tribunal sabiex jikkundanna lil dan tal-aħħar iħallasha s-somma ta' erbat elef sebgħa mija ħamsa u għoxrin Euro u

erba' ċenteżmi (€4,725.04), rappreżentanti sehemu mid-diversi ammonti li hija kienet ħallset fir-rigward ta' spejjeż mediċi straordinarji u spejjeż ta' attivitajiet extra-kurrikulari ta' uliedhom minuri Roxanna u Sean aħwa Marshall Darmanin Kissaun, u dan skont l-imsemmi kuntratt, u bl-ispejjeż tal-proċedura u bl-imgħax mid-data ta' kull kont sad-data tal-pagament effettiv.

4. L-appellant naqas milli jwieġeb u milli jidher għas-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2020 quddiem it-Tribunal, fejn ġie ppreżentat kapitolu fil-konfront tiegħu. Huwa naqas milli jidher għal darb'oħra għas-seduta sussegwenti fit-13 ta' Ottubru, 2020, fejn l-appellata ddikjarat bil-ġurament li l-ammont pretiż kien għadu dovut fl-intier tiegħu.

5. B'hekk it-Tribunal għadda sabiex iddeċieda t-talba tal-appellata kif fuq ingħad.

6. L-appellat ippreżenta nota fl-20 ta' Ottubru, 2020 quddiem it-Tribunal, fejn iddikjara li huwa kien għadu kif sar jaf bil-proċeduri istitwiti fil-konfront tiegħu, u li kien ser jappella mis-sentenza appellata.

## L-Appell

7. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-21 ta' Ottubru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

> *"(1) jew tibgħat l-atti kollha lura lit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar b'dan illi fil-frattemp tiprefiġġi termini sabiex l-appellant jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu jew (2)*

> *takkorda terminu lill-istess appellant sabiex jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu u wara li tisma' l-provi* viva voce *u dokumentarja li tista' titressaq, tiddeċiedi l-każ skont l-Artikolu 8 tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta".*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (i) huwa qatt ma ġie notifikat bl-atti tal-proċedura odjerna; u (ii) il-proċess tat-Tribunal imur kontra l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

8. L-appellata fit-tweġiba tagħha sostniet li s-sentenza appellata hija waħda korretta u timmerita konferma, bl-ispejjeż kontra l-appellant, u dan għar-raġunijiet li tfisser fit-tweġiba tagħha.

9. Permezz tas-sentenza tagħha tat-22 ta' Settembru, 2021, din il-Qorti laqgħet l-appell tal-appellant u pprefiġġiet terminu ta' għoxrin jum minn dakinhar sabiex l-appellant jippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu, flimkien mal-provi dokumentarji tiegħu, sabiex b'hekk tiddeċiedi hija stess l-vertenza ta' bejn il-partijiet *ai termini* tal-artikolu 8 tal-Kap. 380. L-ispejjeż ġew riżervati għas-sentenza finali.

**<u>Nota tal-eċċezzjonijiet tal-appellant</u>**

10. L-appellant ippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu fl-1 ta' Ottubru, 2021 fejn eċċepixxa s-segwenti: (a) skont il-kuntratt ta' separazzjoni tat-12 ta' Ġunju, 2015 l-ebda ammont m'huwa dovut; (b) kull ħlas *extra* ġudizzjarju kien jeħtieġ l-approvazzjoni tiegħu, u huwa qatt ma awtorizza ħlasijiet; (ċ) mingħajr

preġudizzju, huwa kien żamm *in vigore* il-polza ta' assikurazzjoni medika għar-rigward tat-tfal, kif ukoll għar-rikorrenti, u l-ispejjeż mediċi, kemm ordinarji u dawk għat-tfal kienu ġew riżarċiti taħt l-imsemmija polza; u (d) mingħajr preġudizzju, l-appellata kellha tressaq prova tal-infiq li tiegħu hija kienet qegħda titlob riżarċiment, u anki tal-obbligazzjoni tal-ħlas.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Settembru, 2022 fejn l-appell ġie ttrattat u tħalla għas-sentenza finali.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

11. Flimkien mal-Avviż tat-Talba tagħha, l-appellata ppreżentat kopja ta' kuntratt tat-12 ta' Ġunju, 2015 fl-atti tan-Nutar Francesca Schwalbe immarkata 'Dok. A'.[1]

12. Flimkien man-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu, l-appellant ippreżenta kopja ta' uħud mill-messaġġi tal-*Whatsapp* li għaddew bejn il-partijiet, li ġiet immarkata 'Dok AM 1'[2], u kopja ta' rendikont maħruġ minn Atlas Healthcare Insurance Agency Ltd fir-rigward tas-servizzi mediċi rifużi lill-appellata, li ġiet immarkata 'Dok AM 2'.[3]

[1] *A fol.* 2.
[2] *A fol.* 30.
[3] *A fol.* 33.

13. Waqt l-udjenza tal-10 ta' Novembru, 2021, xehed **Alexander Marshall**, prodott mill-appellata. Spjega li huwa kien ħallas l-ispejjeż mediċi kollha għaliex huwa kellu maħruġ f'ismu polza ta' assikurazzjoni. Insista li sakemm saret il-kawża odjerna, huwa kien ħallas għal kollox, anki l-*braces* u n-nuċċalijiet tat-tfal. Dak iż-żmien huwa kien iħallas fi flus kontanti. Għal dak li jirrigwarda l-attivitajiet extra-kurrikulari, huwa qatt ma kien qabel fuqhom mal-appellata. Iżda ħafna drabi t-tfal huwa kien iwassalhom jew imur għalihom, u qatt ma waqqafhom milli jmorru. Iddikjara wkoll li huwa ma kienx qed iħallas għaliex ma kellux flus, iżda wkoll għaliex qatt ma qabel meta kien hemm bżonn il-qbil taż-żewġ partijiet. Għal dawn l-attivitajiet u logħob tal-futbol, huwa kien jattendi meta jkun jista'. Qal li l-appellata qatt ma kienet qaltlu dwar l-attivitajiet qabel bdew jattendu t-tfal.

14. Waqt l-udjenza tal-15 ta' Diċembru, 2021, xehed għal darb'oħra l-appellant prodott mill-appellata. Iddikjara li huwa kien ħallas għan-nuċċalijiet tat-tfal u kien lest li jħallashom fil-futur flimkien mal-appellata. Dwar l-attivitajiet extra-kurrikulari, qal li dawn huwa qatt ma kien qabel fuqhom mal-appellata bil-quddiem.

15. Waqt l-udjenza tas-16 ta' Frar, 2022, l-appellata ppreżentat l-affidavit tagħha fejn xehdet kif ġej. Hija kellha relazzjoni mal-appellat bejn is-snin 2005 u l-2014 meta twieldu t-tfal tagħhom Roxanna u Sean, li kienu għadhom minuri. Sena wara li kienet ġiet itterminata ir-relazzjoni tagħha mal-appellat fit-12 ta' Ġunju, 2015, huma kienu ffirmaw ftehim bejniethom li jirregola l-kura u l-kustodja, l-aċċess u l-manteniment tal-minuri. Skont il-klawsola 15 ta' dak il-

ftehim, l-appellat kellu jħallas €735, inkluż l-għoli tal-ħajja, bħala manteniment mensili għall-imsemmija minuri, u skont l-istess klawsola, dan *"jinkludi spejjes ta' edukazzjoni* ***ordinarji*** *bħal dawk ta' school fees, transport, kotba, uniformijiet, eċċetra".* Spjegat liema mbagħad kienu l-ispejjeż skont il-kuntratt, li kellhom jitħallsu *"ugwalment mill-genituri".* L-appellanta qalet li l-appellat filfatt kien ħallas biss il-manteniment ta' uliedhom, għajr għall-*health insurance,* u kien biss wara li sar jaf b'dawn il-proċeduri li ħallas sehmu mill-*braces* tat-tifla. Irrilevat li l-minuri jattendu Saint Martin's College, fejn il-miżati u l-ispejjeż huma konsiderevoli, tant li hija kienet taħdem iktar minn xogħol wieħed sabiex tlaħħaq magħhom. Bħalissa hija kienet taħdem bejn s-7.30 ta' filgħodu u t-3.00 ta' wara nofsinhar kuljum bħala *senior physiotherapist* fuq *reduced hours,* sabiex b'hekk tista' trabbi lit-tfal tagħhom. Qalet li hija taħdem ukoll bħala *occasional part-time visiting lecturer* l-Università ta' Malta, u anki tagħti xi *lectures* fit-*training centre* ġewwa San Vincenz de Paule. Qalet li l-appellat jaħdem bħala *manager* mal-HP, u għalkemm ma kinitx taf kemm kellu dħul, kienet taf li spiss isiefer u jgawdi. Stqarret li hija kienet ġiet kostretta tiftaħ il-preżenti proċeduri u flimkien mal-affidavit tagħha, hija kienet qegħda tippreżenta skeda tal-ispejjeż li tagħhom kienet qegħda titlob rimborż u liema dokument kien immarkat bħala 'Dokument KD 1'. Spjegat li hija kienet ukoll qegħda tannetti irċevuti oħra fir-rigward tal-ispejjeż imsemmija f'dik l-iskeda, likienu mmarkati bħala 'Dokument KD2' sa 'KD9', u għaddiet sabiex spjegat diversi punti relatati ma' dawn l-ispejjeż: (a) dwar l-ispejjeż konnessi mal-*Assisted Learning Programme* li kienet tattendi għalih it-tifla, fil-fehma tagħha dawn ma kienux 'spejjes ta' edukazzjoni ordinarji' skont il-kuntratt, u l-appellant kien magħha meta ġie rakkomandat dan il-programm stante li t-tifla kienet

instabet li hija *dyslexic;* (b) dwar is-*Summer School* tat-tfal matul l-2017 u l-2019, u dwar l-*Enrichment Programme* bejn l-2015 u l-2016 għat-tifel, dawn ukoll tikkontendi li mhumiex 'spejjez ta' edukazzjoni ordinarji', u kellhom jiġu nkorsi stante li hija kienet taħdem, u l-appellant ma setax jieħu t-tfal fost il-ġimgħa matul is-sajf; (ċ) dwar il-*Catechism Classes* bejn l-2016 u l-2019, dawn ukoll tgħid li m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala 'spejjes ta' edukazzjoni ordinarji', għaliex mingħajrhom it-tfal ma setgħux jagħmlu l-preċett u l-griżma, u t-tifla kienet diġà tattendi meta l-partijiet kienu għadhom flimkien; (d) dwar l-attivitajiet *extra*-kurrikulari bejn is-snin 2015 sa l-2019, l-appellant kien jaf bihom għaliex hija kienet tinfurmah dejjem, u meta t-tifla kienet siefret għal attività tad-*drama,* kien hu stess li wassalhom l-ajruport, u t-tfal kienu ilhom jattendu attivitajiet oħra bħal m'huma Taekwando u żfin minn meta huma kienu għadhom flimkien, u m'opponix li jibqgħu jattendu wara li nfirdu, iżda beda jopponi biss meta hija talbitu sehmu mill-miżata kif kien jidher mill-*print screens* tal-konversazzjonijiet bejniethom, li kopja tagħhom annettiet mal-affidavit; (e) dwar l-ECDL tas-snin 2017 u 2018 fir-rigward tat-tifla, dawn ukoll ma kellhomx jiġu kkunsidrati bħala spejjeż ordinarji tal-edukazzjoni, għaliex huma lezzjonijiet żejda sabiex isir l-eżami relattiv, u hija kienet infurmatu bihom; (f) dwar *child care* tat-tifel għas-sena 2015, meta l-partijiet kienu għadhom flimkien it-tifel kien instab li kien ibati mill-kundizzjoni tad-*'dyspraxia',* u t-tabiba kienet irrakkomandatilhom li jintbagħat l-imsemmi *child care,* u l-partijiet kienu qablu; (ġ) huwa ċar mill-kuntratt li l-ispiża relatata mal-*prescription glasses* tat-tfal hija waħda ta' natura medika straordinarja, li għalhekk kellha tinqasam bejniethom, iżda għalkemm l-appellant xehed li ħallas, huwa ma kien ħallas xejn. Spjegat li l-appellant kienet dejjem tinfurmah dwar l-attendenza ta' uliedhom għall-attivitajiet *extra*-

kurrikulari jew bżonnijiet oħra, iżda meta titolbu għal sehemu mill-ispiża huwa kien dejjem itenni li ma jaqbilx. Barra minn hekk, huwa kien jipparteċipa fl-attivitajiet billi jwassal lit-tfal, u qatt ma talabha sabiex dawn jieqfu milli jattendu. Spjegat kif bl-istess mod huma bejniethom kellhom ftehim flessibbli għal dak li jirrigwarda aċċess għall-minuri. Irrilevat li skont il-kuntratt ma kienx hemm bżonn qbil bejniethom fir-rigward tal-ispejjeż mediċi straordinarji, u dawn kellhom jinqasmu ugwalment bejniethom. Għalqet billi stqarret li l-appellant qiegħed jinterpreta l-kuntratt skont kif jaqbel lilu, iżda mhux fl-aħjar interess ta' uliedhom u tal-ħtiġijiet tagħhom.

16. Waqt l-udjenza tas-16 ta' Marzu, 2022, l-appellant ippreżenta nota bl-affiavit tiegħu. Spjega li huwa u l-appellata kellhom relazzjoni li damet kważi għaxar snin, u minnha kellhom żewġt itfal, Roxanna u Sean, li kienu għadhom minuri. Meta mbagħad temmew ir-relazzjoni tagħhom, huma ffirmaw kuntratt bejniethom sabiex irregolaw il-kura, il-kustodja u l-manteniment tal-imsemmija tfal minuri, liema kuntratt qal li kien ċar u jirrifletti l-kapaċitajiet finanzjarji tiegħu, stante li huwa kellu obbligi paterni preċedenti fejn kien għadu jħallas manteniment lill-ewwel mara tiegħu għaż-żewġt itfal tagħhom. Stqarr li huwa kien insista li jitniżżlu l-kliem *"Ma jkunx hemm awmenti oħra, tkun xi tkun ir-raġuni. Il-manteniment jinkludi spejjeż ta' edukazzjoni ordinarji bħal dawk ta' school fees, trasport, kotba, uniformijiet eċċetra".* Qal li ġie miftiehem ukoll li spejjeż mediċi oħra ta' natura straordinarja u interventi mediċi serji kellhom jinqasmu ugwalment bejn il-ġenituri, u jitħallsu kontra l-preżentazzjoni ta' irċevuti fiskali. Barra minn hekk kien tniżżel fuq talba speċifika tiegħu li *"Spejjez għall-attivitajiet extra-kurrikulari purché ż-żewġ ġenituri jaqblu li jibgħatu t-tfal għall-istess attivitajiet".* Spjega li huwa kien talab li ssir din il-klawsola għaliex

kien jaf li l-istil ta' ħajja tal-appellata kien jippermetti ferm iktar minn tiegħu, u huwa bħala mezzi finanzjarji kien jgħix biss minn fuq il-paga. Stqarr li jekk dan ma kienx ċar, huwa kien ser ikollu ħafna argumenti. L-appellant iddikjara li huwa kien dejjem ħallas il-manteniment fil-ħin, u żamm fis-seħħ polza tal-assikurazzjoni medika li kienet tkopri l-minuri u anki lill-appellata, li mhux l-ewwel darba li ppreżentat *claim* taħtha. Dwar dak li l-appellata kienet qalet fl-affidavit tagħha, sostna li hija ma kinitx korretta għaliex huwa dejjem kien iħallas hekk kif jirċievi l-irċevuta, kif dejjem mexa mal-ewwel mara tiegħu. Spjega kif l-appellata fil-fatt taħdem *part-time* u kellha wkoll proprjetà immobiljarja f'isimha meta huwa ma kellux. Hija saħansitra kienet azzjonista f'waħda mill-akbar kumpanniji tal-*yachting* f'Malta, filwaqt li tirċievi kirja minn proprjetà oħra mikrija, u ssuq vettura ta' ċertu klassi li tista' evidentement iżżomm. L-appellant wieġeb hekk għad-diversi spejjeż reklamati mill-appellata: (a) qal li l-ispejjeż konnessi mal-ALP huma spejjeż konnessi mal-edukazzjoni, iżda mhux *extra*-kurrikulari u kienu jafu bihom meta nfirdu u ffirmaw il-kuntratt. Dan filwaqt li l-appellata talbet għal sehemu snin wara u mhux kif ġew inkorsi, u kienet l-ewwel darba li talbet għal sehemu; (b) huwa ma kienx jaf bl-ispejjeż tal-*Catechism Classes,* u għalhekk qatt ma seta' qabel magħhom, u dawn setgħu ġew iffrankati mill-appellata għaliex il-Knisja toffrihom mingħajr ħlas, u l-istess dwar il-*ECDL* li jingħata fl-iskejjel, iżda għall-konvenjenza tagħha l-appellata kienet iddeċidiet li jsiru privatament; (ċ) il-pożizzjoni tiegħu kienet l-istess fir-rigward tal-attivitajiet *extra*-kurrikulari l-oħra, fejn mill-i*screen shots* jirriżulta li huwa ma kienx jiġi nfurmat minn qabel, iżda wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni, u meta kienet titolbu għal sehemu, huwa kien iwieġeb billi jgħidilha taqra l-kuntratt; (d) dwar l-ispejjeż ta' *child care* tat-tifel, dawn kienu hemm qabel ma

ntemmet ir-relazzjoni, u għalhekk l-appellata kienet taf bihom u kienu jagħmlu parti mill-ispejjeż edukattivi, għaliex altrimenti kien isir ftehim separat għalihom; (e) l-ispiża reklamata mill-appellata fir-rigward tan-nuċċalijiet tat-tfal kienet differenti minn dik tal-irċevuta esebita f'Dok KD1. Għall-kumment tal-appellata dwar l-aċċess flessibbli bejniethom għat-tfal, sostna li dan kien differenti minn attivitajiet li jitolbu l-flus, għaliex il-bidla fl-aċċess ma kienet tirrikjedi l-ebda spiża. L-appellant spjega li huwa qatt ma kien oġġezzjona għall-attivitajiet li l-appellata kienet għażlet li tibgħat lit-tfal, ġaladarba hija ħasset li setgħet tiflaħ għalihom, u huwa ma kienx ser iħassar affarijiet li minnhom setgħu bbenefikaw it-tfal, iżda dan ma kienx ifisser li huwa kien aċċetta li jħallas. Stqarr li huwa dejjem mexa skont it-termini tal-kuntratt, u hekk dejjem stieden lill-appellata tagħmel. Fl-aħħarnett irrileva li l-appellata kienet talbet għal sehemu snin wara li saru l-ispejjeż, u dan kien juri kemm hija kienet taf li ma kellha l-ebda dritt għalihom, għaliex altrimenti kienet tikteb mill-ewwel u tistaqsi għal dak dovut lilha.

17. Waqt l-udjenza tal-15 ta' Ġunju, 2022, xehdet in kontro-eżami l-appellata. Qalet li l-attivitajiet *extra*-kurrikulari t-tfal kienu diġà jagħmluhom qabel ma nfirdu l-partijiet, u l-appellant qatt ma qalilha biex twaqqafhomlhom.

18. Waqt l-istess udjenza, xehed in kontro-eżami l-appellant. Dwar il-klassijiet tat-tifla fir-rigward tal-kundizzjoni tagħha tad-*dyslexia,* spjega li dawn kienet tattendi għalihom qabel il-partijiet iffirmaw il-kuntratt. Spjega li l-appellata kienet fetħet il-proċeduri preżenti fl-2019/2020 meta l-kuntratt sar fl-2014, u hija qatt ma kienet semmiet xejn qabel. Min-naħa tiegħu huwa qatt ma kien qalilha iva li kien ser iħallas in-nofs l-ispejjeż in kwistjoni, iżda hija kienet

taqbad u tirreġistrahom. Imma peress li tkun irreġistrathom hi, huwa ma kienx joġġezzjona għall-attendenza tat-tfal.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

19. Il-Qorti tibda billi tagħraf li permezz tan-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu, l-appellant qiegħed jikkontesta kull ammont pretiż mingħandu mill-appellata. Jirriżulta li r-raġunijiet huma tlieta; (i) uħud mill-ammonti għandhom jitqiesu bħala spejjeż ordinarji tal-edukazzjoni; (ii) oħrajn li jirrigwardaw attivitajiet *extra*-kurrikulari, ġew inkorsi mingħajr il-kunsens tiegħu bil-quddiem; (iii) huwa kien żamm *in vigore* polza ta' assikurazzjoni tas-saħħa, li kellha lit-tfal u anki lill-appellata indikati bħala benefiċċjarji. Sussegwentement l-appellata permezz tal-affidavit tagħha spjegat liema kienu l-ispejjeż li għalihom hija kienet qegħda tirrekalma nofs l-ammont mingħand l-appellant rappreżentanti sehemu, u flimkien mal-imsemmi affidavit hija ppreżentat skeda tal-imsemmija spejjeż bħala 'Dok. KD1', flimkien ma' kopja ta' xi rċevuti mmarkati minn 'Dok. KD2' sa 'Dok. KD9'.

20. Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi sabiex tikkunsidra jekk l-appellata għandhiex raġun titlob rimbors tad-diversi spejjeż elenkati fl-iskeda tagħha, u dan filwaqt li tikkunsidra wkoll il-kontenzjonijiet tal-appellant. Tibda bl-ispiża reklamata fir-rigward tal-ALP li għalih kienet attendiet it-tifla minuri fis-snin 2015 sa 2017. L-appellata tikkontendi fl-affidavit tagħha, li l-partijiet kienu għadhom flimkien meta saret rakkomandazzjoni sabiex it-tifla tattendi għal dan il-programm għaliex kien nstabli kienet tbati mid-*dyslexia.* L-appellant fl-affidavit tiegħu jaċċetta dan, u jwieġeb billi jgħid li meta ffirmaw il-kuntratt wara li ntemmet ir-

relazzjoni ta' bejniethom, u ġaladarba kienu jafu b'din l-ispiża, u għalhekk ma twelditx sussegwentement, dakinhar li ffirmaw huma kienu jafu biha u kienet tagħmel parti mill-ispejjeż edukattivi. Il-Qorti tirrileva li l-klawsola 15 tal-kuntratt li ffirmaw il-partijiet fit-12 ta' Ġunju, 2015 tagħmel riferiment għal '*spejjeż ta' edukazzjoni ordinarji bħal dawk ta' school fees, trasport, kotba, uniformijiet, eċċetra',* u ma tispeċifikax jekk l-ispiża tal-programm li kienet qegħda ssegwi t-tifla kienx inkluż jew le, iżda imbagħad fejn fil-klawsola 16 hemm imfisser liema spejjeż għandhom jiġu sopportati bejn il-partijiet ugwalment, hawnhekk din l-ispiża ma tissemmiex. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li ġaladarba l-ftehim ta' bejn il-partijiet ma jitlobx li din l-ispiża partikolari kellha tinqasam ugwalment bejniethom kif qegħda tikkontendi l-appellata, ma tqisx li dan għandu jkun il-każ. L-istess jingħad fir-rigward tal-ispiża ndikata bħala 'ECDL' fir-rigward tal-minuri binthom, u dik indikata bħala '*Child Care Sean'* fir-rigward tal-minuri binhom, liema spejjeż m'hemm l-ebda provvediment għalihom fl-imsemmi kuntratt, kif ukoll l-ispejjeż oħra ndikati bħala 'Spanish Roxy', 'Science Class' u 'Enrichment Progr 2015/16', li l-appellata naqset li turi li m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala 'spejjez ta' edukazzjoni ordinarji', u għalhekk n-neċessità straordinarja tagħhom tfaċċat wara d-data tal-ftehim.

21. Għal dak li jirrigwarda l-ispejjeż tas-*'summer school' ,* l-appellata tispjega r-raġuni għaliex hija kellha tirrikorri l-ispiża ta' dawn is-servizzi. Filwaqt li l-Qorti tapprezza l-eżiġenzi tas-sitwazzjoni tagħha, hawnhekk ukoll tqis li dawn għandhom fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor, jiġu kkunsidrati bħala 'spejjez ta' edukazzjoni ordinarji'. Altrimenti l-Qorti tikkunsidra li l-appellata kienet tenuta tikseb bil-quddiem il-kunsens tal-appellant, fl-eventwalità li xtaqet li huwa

jipparteċipa fl-ispiża meħtieġa. Iżda mill-provi bl-ebda mod ma jirriżulta li l-partijiet kienu ddiskutew bejniethom din il-kwistjoni, wisq inqas kif kellhom jaqsmu l-ispiża relattiva.

22. Barra minn hekk ma jirriżultax li l-ftehim bejn il-partijiet jirrikjedi li l-ispiża għall-'*Cathecism Classes'* kellha tiġi sopportata bejn il-partijiet. Il-Qorti hawn ma tistax ma tikkunsidrax il-kumment tal-appellant, li dawn il-lezzjonijiet huma offruti b'xejn mill-Knisja, u għalhekk fin-nuqqas tal-kunsens tiegħu, ċertament l-appellata ma tistax iddur fuqu sabiex jippartecipa fi spiża għar-rigward ta' liema hija ħadet deċiżjoni unilaterali.

23. L-appellata qegħda wkoll tirreklama nofs l-ispejjeż inkorsi fir-rigward tal-attivitajiet *extra*-kurrikulari tat-tfal minuri tal-partijiet. Fl-affidavit tagħha tgħid li dawn jinkludu '*Drama, Taekwando, żfin, ...u football bejn is-snin 2015 sa 2019'.* Ma' dawn il-Qorti ser tqis ukoll il-kapijiet rispettivi 'ROXY LIVE IN', 'Sean's *winter kit*' u 'Sean's *extra hour'*. L-appellata tinsisti li l-appellant dawn l-ispejjeż kien jaf bihom, għaliex dejjem kienet tibgħat tinfurmah bihom, u t-tfal kienu jattendu għal Taekwando u żfin minn meta huma kienu għadhom flimkien. Tikkontendi li wara li nfirdu, l-appellant qatt ma oppona li t-tfal ikomplu jattendu, u huwa kien ukoll iwassalhom u jippartecipa fid-diversi avvenimenti konnessi. Min-naħa tiegħu, l-appellant fl-affidavit tiegħu jammetti dan kollu, u jikkonferma li qatt ma oġġezzjona għal dawk l-attivitajiet li l-appellata ddeċidiet li tibgħat it-tfal, *'la darba hi ħasset li setgħet tiflaħ tħallashom...ma kontx ser inħassar affarijiet li minnhom setgħu jibbenefikaw it-tfal tiegħi'.* Madankollu jiddikjara ġustament li *'...dan iżda ma jfissirx li jiena aċċettajt inħallas għalihom'.* Il-Qorti tikkunsidra li t-termini tal-klawsola 16b tal-ftehim huma ċari, jiġifieri fejn

jidħlu attivitajiet *extra*-kurrikulari, l-ispejjeż għandhom jinqasmu bejn il-ġenituri b'mod ugwali ***'...purché ż-żewġ ġenituri jaqblu li jibgħatu t-tfal għall-istess attivitajiet'***. L-appellata tikkontendi li ma kienx hemm dubju dwar il-kunsens tal-appellant, ġaladarba huwa kien saħansitra jwassal lit-tfal għal dawn l-attivitajiet. L-appellant ġustament jikkontendi li dan ma kienx ifisser li huwa kien qabel magħha li ser joħroġ sehemu mill-ispejjeż, iżda min-naħa l-oħra ċertament huwa ma kienx ser iwaqqafhom milli jirċievu dak li seta' kien ta' siwi għalihom fejn kienet daħlet għall-ispiża ommhom. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-messaġġi li għaddew bejn il-partijiet fuq il-pjattaforma *Whatsapp,* u mingħajr dubju joħroġ l-element ta' sorpriża min-naħa tal-appellant hekk kif l-appellata talbitu għal nofs l-ispejjeż. Osservat ukoll li l-appellata kienet tieħu l-inizjattiva waħedha u tirreġistra lit-tfal għal dawn id-diversi attivitajiet mingħajr il-kunsens inekwivoku u ċar tal-appellant fir-rigward tal-ħlas ta' sehemu. Il-Qorti tagħraf li skont dak li hemm stipulat fil-kuntratt ta' bejn il-partijiet, m'hemmx dubju li dan qatt ma kien l-intendiment ta' bejniethom. Tikkunsidra dak li qal l-appellant li *"Il-qafas tal-kuntratt kellu bilfors jinkwadra ruħhu fil-mezzi finanzjarji tiegħi...",* u tgħid li huwa proprju għal din ir-raġuni li l-appellata kellha tintrabat li tikseb il-kunsens tiegħu bil-quddiem fejn jidħlu spejjeż ulterjuri tat-tfal ta' natura *extra*-kurrikulari. Altrimenti l-kuntratt kien jitlef kull sens ta' prattiċità u raġonevolezza jekk kellu jiġi mifhum mod ieħor. Hawnhekk il-Qorti ma tistax tibqa' lura milli żżid tgħid li l-paragun li tagħmel l-appellata bejn l-arranġament flessibbli ta' bejniethom dwar l-aċċess tal-missier għal uliedu u dak li kellu jirregola l-ħlas ta' kontijiet, huwa wieħed illoġiku li ma jista' jwassalha mkien.

24. Jonqos issa li l-Qorti tikkunsidra l-aħħar ħlas pretiż fir-rigward tan-nuċċalijiet tat-tfal u tad-dentist. Għall-kuntrarju tal-ispejjeż relatati mal-

attivitajiet extra-kurrikulari, il-kuntratt ta' bejn il-partijiet ma jpoġġi l-ebda obbligu fuq l-omm li tikseb il-kunsens bil-quddiem tal-appellant qabel ma jiġu inkorsi spejjeż mediċi ta' natura straordinarja, u għandhom jitħallsu mal-preżentata tal-irċevuta fiskali relattiva. Il-Qorti tirrileva li l-appellata naqset milli tippreżenta l-irċevuta fiskali relattiva fir-rigward tal-imsemmija żewġ kapijiet ta' spejjeż, u għalhekk l-appellant għandu kull dritt li jirrifjuta l-ħlas *ai termini* ta' dak li ġie miftiehem fil-kuntratt ta' bejniethom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-appellant, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-eċċezzjonijiet tiegħu, u tiċħad it-talba tal-appellata, bl-ispejjeż tal-proċeduri kollha nkluż dawk tal-ewwel istanza kontra l-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**